Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 13/14

**Victor Muscat (KI-725840M)** **(appellant)**

**vs**

**Jelad Almani (K.I. 21450A)** **(appellat)**

22 ta' Novembru 2016

Permezz ta' avviż preżentat fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' €2,200, arretrati ta' kera dovuti fuq showroom 219, Fajsu Auto Dealer, Naxxar Road, Birkirkara mikrija lill-konvenut.

Il-konvenut eccepixxa illi:-

1. it-Tribunal mhux kompetenti u se mai hija l-Bord li Tirregola l-Kera li ghandha l-kompetenza.

2. l-ammont li qieghed jigi reklamat gja thallas

B'sentenza tat-23 ta' Gunju, 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-inkompetenza.

Permezz ta' provvediment tat-18 ta' Frar 2015 it-Tribunal awtorizza l-produzzjoni ta' xhud li l-konvenut talab li jressaq għalkemm mhux dikjarat fit-tweġiba.

B'sentenza tat-23 ta' Mejju 2015 it-Tribunal ċaħad it-talba attriċi.

L-attur appella kemm mill-provvediment kif ukoll mis-sentenza finali.

L-aggravji tal-attur huma:

(1) Rigward il-provvediment, it-Tribunal iddeċieda abbażi tal-ekwita` tista' tiġi applikata fil-kunsiderazzjoni tal-mertu tal-każ u mhux fl-applikazzjoni tar-regoli proċedurali.

(2) Is-sentenza finali għamlet apprezzament ħażin tal-provi u applikat il-liġi ħażin. Il-piż tal-prova tal-ħlas kien fuq il-konvenut li qal li ħallas. Jekk it-Tribunal kellu xi dubju, kellha tipprevali l-preżunzjoni li l-konvenut ma ħallasx. Il-konvenut ma ġabx prova waħda li ħallas id-debitu. Ma jistax jingħad, kif sab it-Tribunal, li x-xhud prodott mill-konvenut ikkorrabora l-verżjoni tal-konvenut. Lanqas li kien xhud indipendenti, kif qal it-Tribunal, billi kien ħabib

tal-konvenut.

Permezz tar-risposta tal-appell il-konvenut wieġeb li:

(1) l-appell huwa null għax ippreżentat wara 18-il jum u għalhekk *fuori termine*

(2) skont l-artiklu 9(1) tal-Kap 380 t-Tribunal jirregola l-proċediment quddiemu kif jidhirlu xieraq in konformita` mal-ġustizzja naturali u skont artiklu 9(3) tal-istess Kap l-ebda proċediment ma jkun invalidu minħabba nuqqas ta' formalita`.

(3) il-konvenut ipprova l-ħlas permezz ta' xhieda oħrajn.

(4) din il-Qorti ma tindaħalx fl-evaluwazzjoni tal-fatti ħlief f'każijiet eċċezzjonali meta tkun ġiet kommessa inġustizzja manifesta.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. Skont l-artikolu 8(1) tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, appell għandu jsir fi żmien għoxrin (20) ġurnata. Hu minnu li l-liġi sussidjarja 380.01 tipprovdi li l-appell għandu jsir fi żmien tmintax-il jum mid-data tas-sentenza (regolament 14(1)). Madankollu in vista tal-kunflitt bejn il-liġi prinċipali u dik sussidjara, il-liġi prinċipali għandha tipprevali.

2. Dwar id-digriet tat-18 ta' Frar, 2015 (fol. 35), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar mhuwiex marbut bir-regoli stretti tal-Kap. 12 ħlief fejn il-liġi tipprovdi espressament mod ieħor. Skont l-Artikolu 9(1) tal-Kap. 380 it-Tribunal hu ħieles li jirregola l-proċeduri tiegħu stess, diment li ma jiksirx ir-regoli tal-ġustizzja naturali. Għalhekk it-Tribunal ma kiser l-ebda regola proċedurali u kien qiegħed sempliċiment jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fl-ambitu tas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi.

3. L-appellant jikkritika l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal u ma jaqbilx li kellu jemmen lix-xhud prodott mill-konvenut. Wara li l-qorti qrat l-atti tosserva:

   3.1 Jirriżulta li fl-20 ta' Jannar, 2012 il-partijiet iffirmaw skrittura ta' kera (fol. 31) għall-perjodu ta' erba' xhur b'seħħ mill-1 ta' Marzu 2012 sal-aħħar ta' Ġunju, 2012. Skrittura li ġiet iffirmata fil-preżenza tad-difensur tal-konvenut.

   3.2 Qabel dakinhar l-attur kien beda proċeduri ġudizzjarji kontra l-konvenut sabiex jiġi żgumbrat mill-fond. Mill-ftit provi li tressqu l-qorti fehmet li kienet ingħatat sentenza kontra l-konvenut li kkundannatu sabiex jiżgombra mill-fond. Il-qorti kienet tistenna li xi ħadd mill-partijiet jippreżenta kopja tas-sentenza.

   3.3 L-attur xehed li l-kera kienet ta' xi Lm8 kuljum. Fil-fatt fi klawzola 4 tal-iskrittura ta' lokazzjoni jingħad li l-kera hi ta' €18.63 kuljum, ekwivalenti għal Lm8. Ladarba l-ħlas li

jippretendi l-attur hu €2,200, hu evidenti li t-talba hi għall-ħlas tal-erba' xhur kera li jissemmew fl-iskrittura. Hu minnu li l-attur xehed: *"Jiena lil dan kont tajtu tliet xhur ċans oħra minħabba l-iskrittura li konna ffirmajna quddiem l-avukat pero' dan ma kienx ħallasni lanqas ta' dawn. Hu kellu jagħtini ta' tliet (3) xhur, imbagħad tajtu tliet xhur oħra minħabba dik l-iskrittura, cans. Issa għandu jagħtini ta' sitt xhur, elfejn u xi mitejn."* Pero mbaghad in kontro-ezami qal: *"Iva kien ħallasni tal-ewwel tliet xhur"* (fol. 27). Ftit wara qal: *"Jiena għandi niġbor ta' sitt xhur"* u kompla jgħid li għat-tlett xhur ta' qabel iffirmaw l-iskrittura, ma kienx tħallas. Għalhekk filli qal li tal-ewwel tliet xhur kera tħallas u mbaghad qal li fadallu jigbor ta' sitt xhur. Verżjonijiet kontradittorji għal xulxin. Dan apparti li sitt xhur kera bir-rata ta' €18.63 kuljum hu iktar mill-ħlas li qiegħed jippretendi l-attur. Inoltre, fl-iskrittura tal-20 ta' Jannar 2012 ma jissemmiex li hemm xi ħlas ieħor li kien dovut lill-attur. Il-qorti kienet tippretendi li kieku kien hemm xi hlas dovut ghall-perjodu qabel saret l-iskrittura, dan kien jissemma wkoll.

3.4 Il-konvenut isostni li telaq mill-post fid-data li skada t-terminu li jissemma fl-iskrittura tal-20 ta' Jannar 2012. Jidher li hekk ġara ġialadarba l-attur m'għamel l-ebda pretensjoni għall-ħlas ta' €100 li skont l-iskrittura kienet tkun dovuta għal kull ġurnata li l-konvenut jibqa' fil-fond wara Ġunju, 2012 (klawżola 2). Il-konvenut żied li hu kien ħallas il-kera u ma kienx jingħata riċevuta. Il-verżjoni tal-attur li ħallas kera, hi korraborata minn Bassam El Amami li pero' ma qalx x'kienet is-somma li tħallset.

3.5 Fi klawżola 5 tal-kuntratt ta' lokazzjoni jingħad: *"5. Jekk l-inkwilin jibqa' moruż fil-pagament ta' kera sal-ħmistax (15) tax-xahar ta' wara tkun dvouta l-kera, allura din il-kirja tintemm minnufih ipso jure."* M'hemmx prova li matul il-kirja li bdiet fl-1 ta' Marzu, 2012 l-attur qatt interpella lill-konvenut sabiex iħallas il-kera jew biex jiżgombra minħabba morożita. Fi klawżola 4 tal-kuntratt jingħad li l-kera kellu, *"... jithallas kollu qabel."* L-iskrittura kienet iffirmata fl-20 ta' Jannar 2012 filwaqt li jingħad li l-kirja tibda fl-1 ta' Marzu, 2012. *A bazi* ta' dak pattwit fi klawżola 4 tal-kuntratt, il-qorti fehmet li l-kera kellha titħallas kollha bil-quddiem. Meta tqies li bejn il-partijiet kien hemm diġa kwistjoni dwar il-fond u l-qorti kienet ikkundannat lill-konvenut sabiex jiżgombra, probabilment l-attur ma kienx ser jittollera li l-konvenut jibqa' fil-fond mingħajr ma jħallas. M'hemm l-ebda prova li matul il-kirja, l-attur ha xi passi kontra l-konvenut jew interpellah ihallas xi kera.

3.6 Hu veru li l-konvenut ma ppreżentax riċevuta. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li t-Tribunal kellu jiskarta l-verżjoni tal-konvenut.

3.7 Saħansitra fis-sentenza **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** tas-27 ta' Mejju 1970, il-Prim'Awla (Imhallef M. Caruana Curran) qalet: *"Bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili*

*l-Qorti tirritjeni, li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega,* ***f'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut, għax l-oneru tal-prova tad-debitur jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulhadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu****. U fil-każ ta' kunflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lihom, cioe' l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, n-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor reus in excipiendo fit actor, għax, jerġa' jingħad, l-oneru centrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altriment f'kull kaz ta' kunflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

3.8 Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ma tara xejn stramb li t-Tribunal emmen il-verżjoni tal-konvenut. Għalhekk m'hemmx bażi sabiex din il-qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konklużjoni tat-Tribunal.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.